

(7) anki kieku l-motivi tal-Qorti Ġenerali kkritikati iktar 'il fuq għandhom jinqraw flimkien, ma jistgħux jiġġustifikaw il-konklużjoni li t-trasferiment jikkostitwixxi għajna għida.

(<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2006 dwar il-finanzjament *ad hoc* tax-xandara tas-servizz pubbliku Olandiż — Għajna tal-Istat C 2/2004 (ex NN 170/2003) (ĠU L 49, p. 1).

(<sup>2</sup>) Regolament tal-Kunsill, tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Ragusa (l-Italja) fis-7 ta' Marzu 2011 — Proċeduri kriminali kontra Mohamed Ali Cherni**

(Kawża C-113/11)

(2011/C 238/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Ragusa

**Parti fil-kawża prinċipali**

Mohamed Ali Cherni

Permezz ta' digriet tas-26 ta' Mejju 2011 il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat it-tħassir tal-kawża.

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-236/11)

(2011/C 238/06)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Soulay u D. Recchia, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tikkonstatata li, meta applikat l-iskema speċjali maħsuba għall-aġenziji tal-ivvjaġġar anki meta s-servizz tal-ivvjaġġar inbigħ lil persuna li ma hijiex il-vjaġġatur, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 306 sa 310 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KEE (<sup>1</sup>), tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud;

— tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-applikazzjoni li saret mir-Repubblika Taljana tal-iskema speċjali għall-aġenziji tal-ivvjaġġar,

peress li ma hijiex limitata għas-servizzi pprovduti għall-vjaġġaturi, kif stabbilit mid-direttiva, iżda testendi wkoll għat-tranżazzjonijiet magħmula bejn l-aġenziji tal-ivvjaġġar, tikser id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar il-VAT.

(<sup>1</sup>) ĠU L 347, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal administratif de Rennes (Franza) fit-23 ta' Mejju 2011 — Martial Huet vs Université de Bretagne occidentale**

(Kawża C-251/11)

(2011/C 238/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal administratif de Rennes

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Martial Huet

Konvenuta: Université de Bretagne occidentale

**Domanda preliminari**

Fil-każ fejn l-Istat jiddeċiedi li jgħedded il-ħatra ta' membru tal-persunal li kien irreklutat għal perijodu ta' sitt snin b'kuntratt għal żmien determinat, l-obbligu li jintuża kuntratt għal żmien indeterminat previst fl-Artikolu 13 tal-Liġi tas-26 ta' Lulju 2005 jimplika neċessarjament, fir-rigward tal-għanijiet tad-Direttiva Nru 1999/70 tat-28 ta' Ġunju 1999 (<sup>1</sup>), ir-riproduzzjoni b'mod identiku fil-kuntratt il-ġdid tal-klawżoli prinċipali inklużi fl-aħħar kuntratt li ġie konkluż, b'mod partikolari dawk relatati mad-denominazzjoni tal-kariga u mar-remunerazzjoni?

(<sup>1</sup>) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel București (ir-Rumanija) fis-26 ta' Mejju 2011 — SC Gran Via Moinești srl vs Agenția Națională de Administrare Fiscală (ANAF), Administrația Finanțelor Publice București**

(Kawża C-257/11)

(2011/C 238/08)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel București (Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija).